Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 683/2009

Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Elizabeth Pisani u ghal kull interess li jista’ jkollu Vincent Pisani, u l-istess Elizabeth Pisani (Id. 434868M) u ghal kull interess li jista’ jkollu Vincent Pisani (Id. 111662M).

Vs

Seabank Hotel and Catering Limited (C 40319) u Elmo Insurance Limited (C 3500).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob li dan it-Tribunal jiddikjara l-konvenuti responsabbli u li jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta’ hames mija u erbgha Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€504.83), liema ammont jikkonsisti f’sebgha u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€27.49) bhala prezz tas-survey, u

f'wiehed u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€41.93) bhala *loss of use*, u f'tlett mija u sebgha u sebghin ewro u tmintax-il centezmu (€377.18) bhala spejjes ghat-tiswijiet li saru fuq il-vettura ta' l-attrici Elizabeth Pisani, liema vettura ghandha n-numru ta' registrazzjoni IBJ 159, u f'tmienja u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) bhala l-*eccess* imhallas mill-assigurata Elizabeth Pisani, rapprezentanti l-ammont ta' danni kkagunati lill-vettura ta' l-attrici Elizabeth Pisani meta fis-17 ta' Novembru 2007, gewwa Triq il-Marfa, Ghadira, Mellieha, mejda taret mill-proprjeta' tal-lukanda konvenuta u assigurata mis-socjeta' assiguratrici konvenuta u laqtet lill-vettura pparkjata bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 159, liema vettura hija proprjeta' ta' Elizabeth Pisani u li f'dik il-gurnata kienet qed tintuza minn Vincent Pisani u hija assigurata mas-socjeta' assiguratrici attrici. Illi dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza u nuqqas ta' prekawzjonijiet adegwati min-naha tal-lukanda konvenuta. Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Settembru 2008, l-ittri ufficjali datati 10 ta' Gunju 2009 u 17 ta' Lulju 2009 u dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta pprezentata kontestwalemnt ma dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-incident sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta Seabank Hotel & Catering Limited li eccepiet illi (i) il-hsarat allegatament sofferti mis-socjeta' attrici graw bhala konsegwenza ta' *force majeure* u ghalhekk is-socjeta' konvenuta Seabank Hotel and Catering Limited mhix responsabbli ghall-hsarat in kwistjoni; (ii) ghaldaqstant it-talbiet kollha tas-socjeta' attrici ghandhom jigu respinti; (iii) ghalhekk fejn jirrigwarda s-socjeta' eccipjenti ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici. Bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz il-quantum tad-danni allegatament subiti mis-socjeta' attrici huwa kontestat u ghaldaqstant ghandu jigi pruvat skond il-ligi; (iv) inoltre, m'hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta' eccipjenti ghall-hlas tad-danni favur is-socjeta' attrici; (v) salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited li eccepiet illi (i) preliminarjament, is-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited mhix il-legittimu kontradittur tas-socjeta' rikorrenti. Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, s-socjeta' attrici trid iggib prova ta' htija ghall-incident de quo, liema prova tinkombi lilha biss skond il-ligi; (iii) bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, il-quantum tad-danni allegatament subiti mis-socjeta' attrici huwa kontestat u ghaldaqstant ghandu jigi pruvat skond il-ligi; (iv) inoltre m'hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta' eccipjenti ghall-hlas tad-danni favur is-socjeta' attrici; (v) salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2009.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta Elmo Insurance Limited.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici u tal-atturi.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi din hija sentenza in parte dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited, u cioe:-

*'illi preliminarjament is-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited mhix il-legittimu kontradittur tas-socjeta' rikorrenti. Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju'.*

Illi wara li ha konjizzjoni ta' dak kollu li gie sottomess fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, dan it-Tribunal jirrileva

li jaqbel interament ma dak li gie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited, kuntrarjament ghal dak li gie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici. Ghalhekk it-Tribunal, a skans ta' repetizzjoni inutili, jaghmel tieghu s-sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited, jikkonkludi li l-istess socjeta' konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici, u b'hekk jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, dejjem bla pregudizzju ghal kwalsiasi eventwali dritt ta' azzjoni ta' xi parti f'din il-kawza kontra l-istess socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited, u konsegwentement jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu ssopportati mill-atturi.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------